**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Ottubru 2019

Rikors Numru: 233/19 AL

**AB**

Vs

**CDB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u dan skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A"
2. Illi l-partijiet ilhom sa mill-ħamsa (5) t' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala "Dokument B" iżda kienu ilhom separati de facto aktar minn

erbgħa (4) snin; u fil-fatt huwa dikjarat fl-istess att li ilhom de facto separati sa mis-sena elfejn u tlettax (2013);

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgħa (4) snin separati.

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin u l-partijiet qiegħdin jaħilfu dan l-att f'dan is-sens.

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati f' manteniment dovuti.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitlolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għall-daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2019;

Semghat lill-intimat prezenti fl-awla, jiddikjara li m'għandux oggezzjoni li jintlaqaw it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Ottubru, 2017 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba` snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.